MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 73/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marcel Dingli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marcel Dingli talli:

(1) Fl-1 ta' Novembru 2002, ghall-habta tat-8.15 a.m., fil-bini tal-Qorti ta' Malta, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta bi vjolenza jew theddid, gieghel ufficjal pubbliku ji jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu;

(2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded Imhallef, jew l-Avukat Generali, jew Magistrat, jew

gurat waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu;

(3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

(4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu jew seraqhom;

(5) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att mhux imsemmi f’dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, b’taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 110(2), 91, 127, 138, 17(b) u (h), 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-imsemmi Marcel Dingli hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minnha lliberatu izda sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet u kkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghall erba’ snin (4) u mitt liri Maltin (Lm100) multa, ordnat l-interdizzjoni generali perpetwa fil-konfront tieghu, ordnat ukoll il-konfiska ta’ l-oggetti esebiti bhala 02CQS201, kif ukoll a tenur ta’ l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 rabtet lill-istess Marcel Dingli b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima ghal sena mid-data tas-sentenza, u fl-ahharnett ordnat il-pubblikazzjoni tas-sentenza fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Marcel Dingli pprezentat fil-21 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li

din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberatu mit-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu skond l-artikkolu 95 tal-Kap. 9 kif ukoll in kwantu cahdet it-talba maghmula fil-konfront tieghu a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9, u tirrevokaha fil-kumplament billi ma ssibux hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ezaminat sew l-atti tal-process u s-sentenza appellata u nnotat illi, filwaqt illi l-appellant gie originarjament akkuzat bi ksur ta’ l-artikoli 91, 95, 110(2), 127 u 138 rispettivament, meta l-Avukat Generali ddecieda li, kif hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, jibghat lill-appellant biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali permezz tan-nota tieghu tat-12 ta’ April 2004, huwa ddikjara illi mill-atti tal-kumpilazzjoni maghmulin kontra l-appellant jidhirlu illi tista’ tinsab htija (jew htijiet) mhux biss taht l-artikoli msemmija izda anke taht l-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali.

L-appellant stess fir-rikors ta’ appell tieghu osserva illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx tali artikolu tal-ligi u li fil-fatt ma ghamlet ebda referenza ghaliha izda mbaghad assuma illi kien gie lliberat minn tali imputazzjoni. Dan mhuwiex korrett. Il-pozizzjoni korretta hi, kif tajjeb issottometta l-abbli prosekutur waqt it-trattazzjoni, li galadarba dak l-artikolu gie wkoll indikat fir-rinviju ghall-gudizzju, mela kellu wkoll jigi kkunsidrat u, konsegwentement, fis-sentenza tigi dikjarata l-htija jew nuqqas ta’ htija dwar l-imsemmi artikolu.

Issa, skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9, il-Qorti tal-Magistrati, **“meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti**

**l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

Gie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *ex officio* ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan[2].

In-nuqqas ravvizat mill-Qorti certament irendi s-sentenza appellata nulla peress illi ma sar l-ebda pronunzjament dwar l-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali addebitat lill-appellant b'dan illi l-annullament tas-sentenza ma ghandux jikkolpixxi l-imputazzjoni li l-appellant gie liberat minnha bis-sentenza appellata. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Katya Victoria Camilleri** deciz fid-19 ta' Ottubru 2006:

**"Pero` kif gie ukoll ritenut l-annullament tas-sentenza ma ghandux jikkolpixxi dawk l-imputazzjonijiet li l-akkuzat ikun gie liberat minnhom bis-sentenza appellata. Li ghandu jsir f'dawn il-kazijiet hu li din il-Qorti thassar u tannulla <u>biss parzjalment</u> dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie misjub hati u li hija effettwata b'dawn in-nuqqasijiet procedurali u thalli mhux mittiefsa l-partijiet fejn l-appellant gie liberat, ghax altrimenti jkun ingust li l-Ewwel Qorti terga' tinvesti mill-gdid fil-mertu akkuza li l-appellanti gja` giet liberata minnha mill-Ewwel Qorti, u dan ghaliex kieku jsir hekk, ikun qieghed indirettament jigi estiz id-dritt t'appell tal-Avukat Generali bi ksur tal-artikolu**

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta' Gunju 2002 u 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta' Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta' Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta' Gunju 2006.

[2] Ara l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Anthony Zahra**, 26 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Vincent Cucciardi**, 6 ta' Jannar 2005.

**413 tal-Kap. 9 (ara App. Krim. *'Il-Pulizija vs. Charles Micallef'* [23.6.1995].”**

Ghaldaqstant f'dan l-istadju din il-Qorti trid tannulla s-sentenza appellata u peress illi ma jirrizultax illi quddiem l-ewwel Qorti saret trattazzjoni mill-partijiet dwar ir-reat kontemplat fl-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali, tibghat il-process lura lill-ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli dik il-Qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar l-imsemmi reat kontemplat fl-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali kif addebitat lill-appellant mill-Avukat Generali permezz tar-rinviju ghall-gudizzju tieghu tat-12 ta' April 2004.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tannulla s-sentenza appellata hlief fil-parti fejn illiberat lill-appellant mill-imputazzjoni ta' ingurji jew theddid skond l-artikolu 95 tal-Kap. 9 u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------